**Santa Luċija**

**Minuti**

**Disà Leġislatura**

**Laqgħa Numru 02/2024**

**17 ta' Lulju 2024**

**Il-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija ltaqa` fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fil-5:00 p.m.**

PREŻENTI:

Charmaine St John – Sindku
Frederick Cutajar – Viċi Sindku (5.26pm sa 8.30pm)
Liam Sciberras – Kunsillier
Kylie D'Amato – Kunsillier
Connie Debattista - Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

NIL

ASSENTI
NIL

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Bernice Darmanin – Deputat Segretarju Eżekuttiv

MINUTI:

## 2.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv informa li ma kien hemmx qari tal-ittri ta' apoloġiji.

## 2.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Il-Minuti tal-Laqgħa 01-24 IX, ġew iccirkolati qabel is-seduta u għaldaqstant ġew meqjusa bħala moqrija. Il-minuti ġew approvati unanimament bil-Kunsilliera Kylie D'Amato tipproponi u l-Kunsilliera Connie Debattista tissekonda.

## 2.3 Responsabbiltajiet tal-Kunsilliera

Is-Sindku qasmet ir-responsabbiltajiet lill-Kunsilliera – Annex 1. Is-Sindku nfurmat li kull meta ser ikun hemm laqgħa, ser tinforma lill-Kunsillier li hu responsabbli minnha sabiex jattendi u f'każ li xi ħadd ma jistax jattendi għal laqgħa li jkun taħt ir-responsabbilta tiegħu, jista jiddelega lil ħaddieħor u f'każ min ikun jaħseb li hu interessanti għalih, tiġi mifthema minn qabel bi qbil tas-Sindku u l-Kunsillier responsabbli. Il-Kunsilliera qablu unanimament.

## 2.4 Rapporti

### 2.4.1 Għażla tas-Segretarju Eżekuttiv

Ir-rapport tal-Bord tal-Għażla ġie iċċirkolat qabel is-seduta u l-Kunsill qabel unanimament mal-għażla tal-Bord – Annex 2a

### 2.4.2 Reply to Managment Letter u Quaterly Report 1 2024

Il-Kunsillier Sciberras, ressaq mozzjoni b'urġenza bil-Kunsilliera Debattista tissekonda, sabiex tiġi emendata l-Agenda sabiex tiġi moqrija l-Audit Report u l-Financial Statements 2023, l-Management Letter u r-Reply to Management Letter 2023 – Annex 2b.

Il-Kunsillier Sciberras ressaq xi mistoqsijiet fir-rigward Point 3 tal-Wasteserv, u staqsa għaliex l-ammont €60,000 ġie written off. Rigward Point 2, l-awdituri talbu r-raġuni għalfejn ma jiġux printed ċertu informazzjoni. Il-Kunsillier Sciberras xtaq li l-FAR jibda jiġi muri lill-Kunsilliera u jiġi approvat mill-Kunsill. Meta l-Kunsill jkollu r-risposti dwar dawn il-mistoqsijiet, dawn jiġu mgħoddija min qabel, għas-seduta li jkun imiss; inkluż dawn id-dokumenti.

Il-Quaterly Report 1 ser jiġi ċċirkolat qabel is-seduta li jmiss peress li ma ġiex mgħoddi qabel, mad-dokumenti l-oħra permezz tal-email.

Il-Kunsillier Sciberras talab li jinxtara tablet għal Kunsilliera Debattista, kif ukoll il-Viċi Sindku talab li jinxtara ieħor għalih peress li tiegħu ġie misruq.

Is-seduta ġiet mwaqqfa minħabba ilment ta' resident. Il-Viċi Sindku talab li l-bieb jibqa miftuħ ta' barra jitħalla miftuħ.

## 2.5 Komunikazzjoni mis-Sindku

**2.5.1** Is-Sindku infurmat li r-Right 2 Smile issuġerew biex fil-librerija jkun hemm **board games** għal użu ta' kulħadd. Il-Kunsill qabel unanimament.

**2.5.2** Is-Sindku irċiviet talba sabiex il-**bankina ta' Dawret it-Torri** ma Triq Oleander tiċċeken ħabba li t-trasport pubbliku qed isibu problema biex idawru. Il-Kunsill qabel unanimament. Il-Kunsillier Sciberras informa, li dan l-punt kien ġa semmih f'email mibgħuta fil-23 ta' Mejju 2023.

**2.5.3** Is-Sindku irċiviet talba biex isiru CCTV cameras fi Triq Maria de Domenicis ma Triq il-Bruka minħabba li meta ġiet mħammla l-ħamrija, nstabu fdalijiet tal-annimali kif ukoll qed jiġi mitfugħ skart mitfugħ hemmhekk. Il-Kunsill qabel li ssir waħda tħares lejn il-ġnien u l-oħra lejn il-ħamrija. Ġie maqbul sabiex jiġu kkuntatjati l-LESA sabiex jiġu monitored minn naħa tagħhom. Il-Viċi Sindku qajjem il-punt li jkunu bis-sensor/motion u l-Kunsilliera Debattista semma li hemm 2 siti fejn in-nies jarmu; l-antika u l-

ġdida. Ġie msemmi wkoll li hemm trukk li dan dejjem jipparkja hemmhekk, sabiex iressaq il-vettura minħabba c-CCTV. Il-Kunsill qabel unanimament.

2.5.4 Is-Sindku infurmat li wara l-inċident li seħħ fi **Triq Katerina Vitale** nhar il-11 ta' Ġunju 2024, s-Sindku u d-DSE għaddejin b'komunikazzjonijiet ma' IM u TM għal għajnuna fir-rigward ta' Traffic Management minħabba s-sigurta tat-tfal. Fis-sena 2019 saret talba għal Pedestrian Crossing fi Triq Katarina Vitale (lejn l-iskola) li ġiet approvata, saret waħda temporanja u wara x-xogħolijiet li saru mill-IM din baqgħet ma saritx b'mod permanenti. Għalissa ma jistgħax isir ċertu xogħol minħabba l-inkjesta. L-IM suppost kellhom jimxu mal-instructions tat-Transport Malta fir-rgiward tat-Traffic Management. Fl-istess waqt ġew mitkellma l-pulizija u s-surmast tal-iskola fejn ġew mgħoddija l-ħinijiet tal-iskola sabiex jgħinu fejn jistgħu. Is-Sindku iċċekjat mat-TM rigward tabelli, u ġiet infurmata li l-Kunsill jista japplika ma TM sabiex issur 2 caution signs: School Children f'distanza ta' 25 u 50m mill-ħruġ tal-iskola.

2.5.5 Is-Sindku kellha laqgħa ma aġent, rigward il-**vending machines** li hemm fi Ġnien iċ-Ċiniżi. Il-Viċi Sindku informa li suppost hemm percentaġġ tal-commission li jrid jitħallas lil Kunsill mill-aġent preżenti. Il-Kunsilliera staqsew jekk l-aġent preżenti qatt provda tip ta' commission. Il-Viċi Sindku issuġeriexa sabiex il-kwotazzjonijiet li ser jiġu mitluba jkunu on a fixed commission mhux bil-percentaġġ. Il-Kunsillier Sciberras qabel ma dan il-punt. Qabel ma jinħarġu l-kwotazzjonijiet, ser niċċekjaw jekk l-aġent ta' bħalissa huwiex jagħti commission lill-Kunsill Lokali.

2.5.6 Is-Sindku rċievit talba mingħand **Santa Luċija FC**:

1) Talba għal użu tal-5-a-side u l-basketball pitch – Il-Kunsill qiegħed fi qbil li l-byelaw trid tiġi emendata peress li mhix ċara peress li klabb u indiviwdi huma differenti ħabba r-rati. Il-Kunsill ser jitlob il-ġranet u l-ħinijiet, kemm tul ta' żmien ser jiġu użati u jiġi deċiż wara.

2) Jiġi provdut trasport għall-plejers u s-supporters – Il-Kunsill staqsa x'finanzi hemm u jekk hux possibli jingħata ċertu ammont ta' finanzi, u jiġi utilizzat kif jixtiequ huma. Il-Kunsilliera qablu sabiex il-klabb jiġi mistoqsi kemm hemm logħob, u kemm hemm plejers u nġibu l-kwotazzjonijiet meħtieġa għas-seduta li jmiss.

3) Jiġi offrut b'xejn il-gym facilities lir-residenti fil-gym li ser jinfetaħ daqt – Il-Kunsill qabel li meta jitlesta l-gym, terġa tiġi diskussa dak iż-żmien.

4) Joffri 20 biljett għal kull logħba lir-residenti – Il-Kunsill aċċetta din it-talba, iżda staqsew fuq liema bażi ser jiġu mqassma dawn il-biljetti.

5) Jingħata l-aċċess tal-parkeġġ ta' biswit il-grawnd sabiex jiġi mikri għal parkeġġ privat, iżda l-ewwel preferenza tingħata lill-Kunsill għal parkeġġ b'xejn lir-residenti. – Il-Kunsill qiegħed jiċċekja mal-Lands Authority sabiex naraw min għandu l-ownership ta' din l-art qabel tiġi meħuda deċiżjoni. Il-Kunsill qabel li l-ewwel irid jiċċekja mal-Santa Luċija FC sabiex jipprovdu d-dokument li juri li l-ownership huwa tagħhom bil-firma tan-Nutar, u jekk ma għandhomx, il-Kunsill jqabbad nutar a spejjeż ta' Santa Luċija FC.

6) Użu tal-Ġnien Ċiniż fl-aħħar ta' Settembru sabiex ifakkru l-50 sena anniversarju. Din l-attivita ser tkun b'xejn għar-residenti – Il-Kunsill jaqbel b'mod unanimu għal użu b'xejn tal-ġnien.

7) Għaddejin diskussjonijiet sabiex jittejbu r-relazzjonijiet ta' bejniethom – Il-Kunsill Lokali informa li din hija xi ħaġa sabiħa, iżda l-Kunsill ma jidħolx fiha.

**2.5.7** Is-Sindku infurmat li l-Kunsill irċieva talba mingħand **Angelic Voices** għal kunċert fit-13 ta' Settembru 2024 sabiex jużaw il-Gazebo u l-Kunsill iħallas l-ispejjeż tas-sound, s-siġġijiet, arja kundizzjonata u l-stage. Qed jiġi kkalkulat li l-ispejjeż ikunu madwar 3500 ewro, peress li fil-gazebo hemm ġa d-dawl. Il-Kunsill qabel unanimament.

**2.5.8** Is-Sindku infurmat li l-Kunsill irċieva talba mingħand l-**Malta Health Students' Association** sabiex jipprovdu mingħajr ħlas: blood pressure monitoring, blood glucose testing, health education. Is-Sindku proponiet li ninfurmawhom sabiex jkunu jistgħu joffru dan is-servizz ftit qabel l-kunċert tal-Angelic Voices, kif ukoll navżaw l-komunita ta' Santa Luċija. Il-Kunsill qabel unanimament.

**2.5.9** Is-Sindku infurmat li id-Dipartiment tal-Gvern Lokali approva l-iskema **SPI 05/2024 għall-Attivitajiet Kulturali Annwali u Natalizji 2024/2025.** Il-Kunsillier Sciberras irrimarka li għal din l-attivita jiġu mistiedna l-gruppi mużikali kollha ta' Santa Luċija sabiex jipparteċipaw. Is-Sindku nfurmat li aħna ninfurmaw lill-kulħadd, iżda ma jkunx hemm risposta.

**2.5.10** Is-Sindku infurmat li l-Kunsill irċieva talba għal **lezzjonijiet tal-Matematika** u tixtieq toffri s-servizz tagħha mingħajr ħlas u l-Kunsill jipprovdilha l-post u anke l-whiteboard. Il-Kunsilliera Debattista ssuġerit li tinħareġ sejħa għal voluntiera, għas-suġġetti li jistgħu jagħlmu akkademiċi kif ukoll kreattiv. Il-Kunsill qabel unanimanemt.

**2.5.11** Is-Sindku infurmat li d-Deputat SE ġabet stima għal **Contracts Manager tal-Street Lighting** sabiex il-Kunsill jirregolariza ruħu mal-Enemalta anke f'każ ta' tiswijiet. Il-Viċi Sindku informa sabiex jinġiebu kwotazzjonijiet oħra fuq il-bażi tal-kwotazzjoni li għandna, u skond kif qedha t-tender mal-kuntrattur preżenti. Il-Kunsill qabel.

**2.5.12** Is-Sindku infurmat li nhar id-9 ta' Lulju 2024 flimkien mal-Kunsilliera Debattista, attendew għal **laqgħa mal-Ministru Bonett** fejn ġew diskussi diversi punti:

1) Ix-xogħolijiet li ser jibdew fil-Junctions tal-Barrani

2) One Way System

3) Jogging Track minn Dawret it-Torri sabiex jiġi rranġat l-ħruġ minn Santa Luċija sabiex r-residenti jkunu jistgħu jaraw aħjar, punt li qajjem resident waqt il-laqgħa pubblika. Il-Viċi Sindku staqsa sabiex inġibu informazzjoni ta' kemm seħħew inċidenti dawn l-aħħar 20 sena, u ħadd mill Kunsilliera l-oħra ma qabel. Il-Kunsilliera D'Amato qalet li l-esperti huma t-TM għalhekk huma jridu joħorġu bi pjanti anke minħabba l-legalita u l-Kunsill japprova. Il-Kunsilliera Debattista ssuġeriet li TM joħorġu bl-ideat u l-Kunsill japprova, filwaqt li l-Kunsillier Sciberras issuġeriexa li TM jagħtuna l-ideat tagħhom, il-Kunsill jagħti l-ideat tiegħu, jiġi mħares l-ambjet u n-natura u fl-aħħar il-Kunsill japprova. Il-Kunsill qabel li jitlob lill-Ministru pjanti ta' kif tista ssir bħala esperti sabiex l-Kunsill japprova b'mod unanimu u x-xogħol isir minn TM.

4) Pedestrian Crossing ħdejn ir-residenza tal-anzjani

5) Ser jerġa jsir studju dwar il-ħruġ minn Santa Luċija għal Raħal Ġdid minħabba li kien hemm proposta oħra

6) Talba biex il-Ministru jgħina fil-proċess tal-Bus Shelters

2.5.13 Is-Sindku talbet kjarifika dwar kif inhi l-proċedura tal-iskema **Local Council Scheme 2**, u ġiet moqqrija l-korrispondenza mibgħuta: Il-HA informat li l-ewwel pass huwa li mir-residenti ta' kull blokka jiġi magħżul amministratur. L-amministratur irid jistenna r-rapport mit-Technical Officer biex imorru fuq is-sit u jikkonfermaw ix-xogħolijiet li jridu jsiru fuq dik il-blokka. L-amministratur wara jirċievi l-BOQ bil-lista ta' xogħlijiet approvati mill-HA, fejn wara l-amministratur jagħżlu kuntrattur sabiex jibda x-xogħolijiet. Il-HA mhux ser toħroġ pagaemnti qabel ma jiċċekjaw it-technical officers. Is-Sindku tista toffri b'mod volontarju l-assistenza tagħha, iżda r-responsabbilta hija tal-amministratur u r-residenti, mhux tas-Sindku. Il-Viċi Sindku rrimarka li din l-iskema ma ħadmitx, u s-Sindku fakret li ħafna mill-blokok huma anzjani.

2.5.14 Is-Sindku infurmat li saret laqgħa nhar id-9 ta' Lulju 2024 ma tal-**Guthenberg** li għaliha attendew is-Sindku, il-Kunsillier Sciberras, l-Kunsilliera Debattista kif ukoll l-avukata li tirrapreżenta lill-kunsill f'laqgħat tal-PA. Is-Sindku nfurmat li l-Kunsill ser joġġezjona biss f'każ li jsiru pjanti b'iżjed bini milli ġa hemm. Il-Viċi Sindku ma jixtieqx li jiġi kkumerċjalizat. Il-periti ser jibgħatu l-aħjar pjanti għad-diskussjoni tal-Kunsill.

2.5.15 Is-Sindku nfurmat li suppost It-Tnejn, 15 ta' Lulju 2024 suppost bdew ix-xogħolijiet fuq il-**Bus Shelters**. Peress ix-xogħolijiet għadhom ma bdewx, bagħtnilhom diversi reminders lill-IM. Is-Sindku spjegat li l-proċess weħħel minħabba d-DNOs ma kienux in order.

2.5.16 Is-Sindku infurmat li ġiet mtellgħa post fuq Santa Luċija Residents dwar it-**telephone box**, u l-Kunsill bagħat lill-Heritage Malta u Heritage Superintendence fejn il-kunsill ser japplika għal change of use. Ġew mqajjma diversi ideat. Is- Sindku ssuġeriet li ssir artistic/cultural display u anke display bil-crafts li jagħmlu l-anzjani tal-lokal. Il-Viċi Sindku ssuġerixxa li ssir vending machine, il-Kunsilliera Debattista ssuġerit li jsir Green Garden, filwaqt li l-Kunsilliera D'Amato ssuġeriet li kull xahar tiġi mibdula eżempju fix-xahar ta' Ottubru ssir bħala Cancer Awareness. Il-Kunsillier Sciberras ssuġerrixa li tiġi coffee shop li l-Kunsill jista jaqla wkoll minnha, bħal ma ssuġeriexa l-Viċi Sindku. Il-Kunsilliera qablu li ssir għal użu kulturali u artistiku.

2.5.17 Is-Sindku infurmat li l-kowċis tal-**Basketball** sessions li jsiru kull nhar ta' sibt talbu lill-Kunsill sabiex jinxtara xi equipment għall-użu matul is-sessjonijiet tas-Sibt. Il-Kunsill qabel unanimament.

2.5.18 Il-Viċi Sindku kif ukoll l-Kunsillier Sciberras kemm il-darba talbu sabiex jiġu mnaddfa l-**spralli u l-culverts** peress li mimlijin. Is-Sindku rrimarkat li normalment isiru f'Awwissu / Settembru. Ġie maqbul li ser jiġu nfurmati l-ħaddiema sabiex jibdew inaddfu l-culverts min issa.

2.5.19 Is-Sindku infurmat li wara laqgħa li saret ma **Right 2 Smile**, fejn għaliha attendiet ukoll l-Kunsilliera D'Amato għamlu talba għal:

1) Sabiex jużaw il-Ġnien taċ-Ċiniżi sabiex jistorjaw l-affarijiet tagħhom
2) Jingħataw iċ-ċwievet sabiex jagħmlu użu tat-toilets l' aktar viċin tagħhom
3) Mural Project – Il-Kunsilliera semmew diversi postijiet fosthom jkomplu l-biċċa l-oħra ta' Pjazza 7 ta' Lulju, parti mill-jogging track, il-picnic area u l-ħajt ta' Triq il-Lellux. Il-Kunsilliera qablu li titkompla Pjazzza 7 ta' Lulju u l-ideat l-oħra nistgħu napplikaw għalihom meta joħorġu skemi oħra.
4) Użu tat-Tea Room nhar Is-Sibt 14 u 28 ta' Settembru 2024 – Il-Kunsill qabel unanimament li jingħata bla ħlas.

2.5.20 Il-kunsill irċieva ilment mingħand resident rigward li tallinja mhux dejjem tgħaddi. Is-Sindku talbet statistika lill Public Trasport bil-frekwenza. Il-Kunsillier Sciberras talab li din l-istatistika tibda

tiġi mibgħuta email u tiġi ppublikata fuq il-Facebook tal-Kunsill. Is-Sindku ser tagħmel mezz li din l-istatistika tiġi mitluba regolarment.

2.5.21 Is-Sindku nfurmat li bagħtet lill-Ministeru tat-Trasport għal **sound barriers** lejn il-jogging trach u Tal-Barrani u Picnic area ma Triq ħal Luqa simili ghall-flyover tal-Kappara.

2.5.22 Is-Sindku infurmat li l-Kunsill irċieva korrispondenza mill-AKL għal **Blue Heart Campaign** bejn 22-30 ta' Lulju u l-Kunsill qabel unanimanet li tiġi mixgħula blu fi Triq Hibbiscus.

2.5.23 Is-Sindku infurmat li l-Kunsill qed iġib kwotazzjonijiet għall-**Irrigation għal Jogging Track**. Id-DES infurmat li peress li ċertu kuntratturi ma bagħtux il-kwotazzjonijiet b'mod dettaljat, erġajna bagħtnilhom u qed nistennew mill-kuntratturi. Il-Viċi Sindku rrimarka dwar vandaliżmu li jsir fuqhom, filwaqt li l-kunsilliera Debattista rrimarkat li l-irrigation system qed tispiċċa taħt il-ħamrija u l-weraq u l-użu tagħhom ma jintużax kif suppost.

2.5.24 Is-Sindku infurmat li kif ġie mwiegħed qabel l-elezzjoni, il-Kunsill ser jiddiskuti iżjed mal-pubbliku. Il-**bini tal-kunsill** bħalissa mhuwiex addatat għal pubbliku. Qabel ma ssir laqgħa mal-pubbliku, ser issir tip ta' survey mal-pubbliku biex naraw x'jixtieq. Il- Viċi Sindku ma qabilx li ssir laqgħa mar-residenti u naraw x'jixtiequ r-residenti dan għaliex il-Prim Ministru ġa wiegħed li ħa jsir. Il-Kunsilliera D'Amato qablet li ssir konsultazzjoni mal-pubbliku, il-Kunsillier Sciberras ma qabilx mal-pjanta preżenti u fejn ser isir, minħabba l-għoli tal-bini fejn preżentament fil-ċokon li qiegħed jaħdem fih, qiegħed jiffunzjona. Kien hemm residenti li talbu li ssir fuq l-għassa, fejn is-Sindku nfurmat li din ma ġiex aċċettata. Biex ma jinqeridx l-open space jew tiġi meqruda art verġni, il-Kunsillier Sciberras talab ukoll li tiġi mitluba d-devoluzzjoni tal-Kummissarju tad-Drittijiet tat-Tfal, iżda dawn ma aċċettawx minħabba jista l'quddiem jistgħu jibnu huma. Il-Kunsillier Sciberras rrimarka li jaqbel li nitkellmu mal-Pubbliku, iżda d-deċiżjoni finali tkun tal-kunsill. Nistghu niċċekjaw ukoll fuq il-Hypogeum. Is-Sindku ssuġeriet ukoll li flok il-5-a-side jiġi l-bini tal-kunsill, u vis a vis. Il-Kunsill qabel li ħa ssir konsultazzjoni mal-pubbliku. Il-Viċi Sindku ma qabilx, għaliex il-ħin kollhu jiġu mibdula d-deċiżjonijiet.

2.5.25 Is-Sindku infurmat li fuq talba tal-Viċi Sindku rigward shifting ta' **Pedestrian Crossing** fi Triq il-Pepprin, din ġiet approvata, u għaddejniha lill-kuntrattur.

2.5.26 Is-Sindku infurmat li s-**shutter** taL-Kunsill qiegħed fi stat diżastrus, għalhekk ser noħorġu talba għal kwotazzjonijiet.

2.5.27 Is-Sindku infurmat li l-**Accountant** ma tistax tibqa tagħmel tip ta' xogħol, dak tal-Accountant Technician. Is-Sindku infurmat li jiġi ttrenjat lis-staff (Book keeping)

2.5.28 Is-Sindku rċiviet talba sabiex isir **Communal Reserved Parking wara l-knisja** matul il-ħinijiet tal-quddies, kull nhar ta' Sibt u Ħadd. Il-Viċi Sindku informa li diġa jeżistu, imma minħabba li żdiedu l-ammont ta' anzjani b'nuqqas ta' mobbilta, ser nibgħatu t-talba lill-TM.

2.5.29 Is-Sindku rċievit talba mir-residenti ta' Triq il-Bwieraq sabiex tiġi **Residents Only** f'ċertu ħinijiet. Il-Kunsillier Sciberras isuġerriexa li jrid isir Traffic Management ta' dik l-area.

2.5.30 Il-Kunsillier Sciberras għadda suġġerimenti tiegħu rigward il-**gazebo**:

1) Id-dawl ikun warm white
2) Jinxtraw fannijit tal-ħadid sabiex jitwaħħlu mad-dawra u ma jiswewx daqs l-arja kundizzjonata

3) Isir tip ta' tiżjin fil-gazebo

Is-Sindku taqbel ma dawn is-suġġerimenti u qed tiċċekja dwarhom. Min naħa tas-Sindku, infurmat li qed tiġbor l-istimi, ħalli meta tinħareġ l-iskema, nkunu nistgħu napplikaw. Fl-istess waqt is-Sindku ġabet stima għal rampa. Il-Kunsilliera Debattista rimarka għal sealer fl-art, iżda ikkumentaw li meta jsir, dan ser jiġi għar, għax l-art tixrob l-ilma u jimmoffa, u tiġi għar.

Is-Sindku ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsilliera preżenti jekk jaċċettawx li s-Seduta tibqgħax għaddeja minħabba li qabżu it-3 siegħat. Il-Viċi Sindku aċċetta li s-seduta titkompla, iżda fit-8.30pm ikollu jitlaq. Il-bqija tal-Kunsill approva.

## 2.6 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

**2.6.1** Il-Viċi Sindku irċieva ilment sabiex il-BCRS tiġi rilokata għal Triq Begonja, minn ħdejn l-għassa tal-Pulizija. Il-Kunsill qabel unanimanet li din titmexxa għal ħdejn il-bins l-oħra.

**2.6.2** Il-Viċi Sindku irċieva ilment minħabba l-problema ta' parkeġġ li tinsab fl-istess triq, u s-Sindku infurmat li meta titneħħa l-magna tal-BCRS, ir-residenti ser jigwadanjaw 2 parkeġġi.

**2.6.3** Il-Kunsilliera Debattista staqsiet dwar xinhu ir-riskju tal-velenu tal-ġrieden. Minn naħa tal-Kunsill għadna qed nistennew risposta mingħand id-dipartiment tas-Sanita – Annex 3.

**2.6.4** Il-Kunsillier Sciberras staqsa dwar il-Rondi tal-pulizija u s-Surġent Mangion għaddiet ir-risposta tagħha li r-rondi jsiru kuljum f'diversi ħinijiet tal-ġurnata fis-sajf sa 11.30pm u fix-xitwa sa 9.30pm. Il-Community Police tosserva wkoll kull illegalita u taħdem b'mod proattiv– Annex 3.

**2.6.5** Il-Kunsillier Sciberras staqsa dwar l-skema tal-WSC rigward l-iskema tal-Water Leakage from tanks. Ir-risposta tal-WSC hija li l-iskema għada miftuħa, u li għalisa qedha miftuħa għal N eighbour Hood 1. Applikaw mill-inqas 45 applikazzjoni, izda meta r-residenti raw il-ħaddiema jagħmlu x-xogħol, tħajjru u twaħħlu iżjed – Annex 3.

**2.6.6** Il-Kunsillier Sciberras staqsa jekk jeżistux legal framework nazzjonali jew EU fuq community gardening, preservation of soil and trees. Id-DSE ser tgħaddi l-links li jirreferu għal mistoqsija tal-Kunsillier Sciberras wara li ntbagħtet email lill-ERA u Ambjent Malta – Annex 3

**2.6.7** Il-Kunsillier Sciberras staqsa dwar il-problema tal-Ġrieden. Il-Health Regulation bagħtulna li mill-bidu tas-sena irċivew 6 ilmenti dwar din il-problema u ġew ittekiljati mal-ewwel. Il-velenu tal-ġieden jiġi mitfugħ f'post li diffiċli biex tilħqu u għandu toma qarsa li ma jittirax annimali oħra bix jieklu. – Annex 3

**2.6.8** Il-Kunsillier Sciberras rrefera għal problema li l-bankina ta' Triq il-Lelluxa ma Triq Ġuljetta Lopez li hi wiesgħa ħafna u tiġi upto minimum standard, sabiex tiċċekken u l-vetturi jistgħu jgħaddu mingħajr l-problemi. Il-Viċi Sindku fakkar li l-bankini issa jaqgħu taħt l-Infrastructure Malta u jinġiebu l-permessi neċessarji, s-Sindku nfurmat li issa hemm skema ġdida tal-Public Works fejn il-Kunsill jġib il-quotes meħtieġa u jiġu mgħoddija lilhom sabiex iwettqu x-xogħol.

**2.6.9** Il-Kunsillier Sciberras rrefera li fi Triq Ines Soler il-vetturi kummerċjali għadhom jgħaddu one way, u s'issa ma sar xejn. Is-Sindku infurmat li ser nerġgħu nibgħatu reminder lill-Community Police u LESA.

**2.6.10** Il-Kunsillier Sciberras fakkar sabiex tiġi mibgħuta l-schedule tal-knis. Is-Sindku infurmat li ser issir il-laqgħa l-ewwel mal-kuntrattur flimkien mal-Kunsillier Sciberras, u tiġi diskussa l-schedule, sabiex fis-seduta li jmiss ngħaddu l-schedule għall-approvazzjoni.

**2.6.11** Il-Kunsillier Sciberras fakkar sabiex is-soft area li hemm fi Triq Maria De Domenicis issir bil-ħamrija u xi pjanti kif suppost.

**2.6.12** Il-Kunsillier Sciberras fakkar sabiex nibgħatu lill-IM sabiex tingħata asfaltar mill-ġdid Triq Santu Kristu, jitranġa l-ħitan li twaqqa bit-trukkijiet u l-ħsara kollha li saret bil-cables. Is- Sindku infurmat li ser tiċċekja fuqha.

**2.6.13** Il-Kunsillier Sciberras staqsa jekk id-DSE hix tattendi għad-diversi laqgħat li qed isiru. Is-Sindku infurmat li tixtieq ħafna li tattendi iżda bħalissa id-DSE hija limitata fil-ħinijiet tagħha peress li għad għanda x-xogħol Full time tagħha, anke biex tkun tista tibgħat il-minuti. Is-Sindku infurmat li qabel kien jattendi wieħed mill-impjegati fil-laqgħat magħha u rringazjatu għaliex mingħajru l-Kunsill ma kienx jista jibqa jiffunzjona.

**2.6.14** Il-Kunsillier Sciberras staqsa jekk il-Kunsill irreġistrax għal appell ta' Triq il-Ġibjun PA00209/24. Is-Sindku ser tiċċekja dwarha.

**2.6.15** Il-Kunsillier Sciberras staqsa fhix wasal ix-xogħol tar-railing u ż-żebgħa ta' Triq Maria De Domenicis. Is-Sindku nfurmat li l-staff apparti li kellhom il-ġenn tal-Elezzjoni, kellhom Jum Santa Luċija u l-pagamenti tal-HA. Wara li jiġu mnaddfa l-ispralli ser jinbeda x-xogħol fuq hekk.

**2.6.16** Il-Kunsillier Sciberras rrimarka li l-ħaddiema ma għandhomx hand pickers għal litter picking. Is-Sindku ser tiċċekja dwarha, u jekk ma għandhomx ser jinxtralhom hand pickers tajbin.

**2.6.17** Il-Kunsillier Sciberras staqsa jekk hux possibli li d-dawl ta' mal-għassa jiġi mibdul peress li huwa qawwi. Is-Sindku nfurmat li ser titkellem mal-għassa dwarha.

**2.6.18** Il-Kunsillier Sciberras kien talab Risk Assessment dwar il-ħruq tan-nar. Is-Sindku nfurmat li ġabet il-contacts u għaddietu lis-SE ta' dak iż-żmien. Is-Sindku infurmat li idealment tiġi infurmata qabel il-festa, u l-Kunsillier Sciberras rimarka li tiġi mill-kunsill. Is-Sindku fakkret li din is-sena kellna problema amminstrattiva allura waqajna lura f'ħafna affarijiet. Għas-seduta li jmiss ser nippruvaw nġibu s-survey li sar fl-2019 u nimxu minn hemm.

Il-Kunsillier Sciberras, issuġeriexa li l-mistoqsijiet u r-risposti, jiġu mgħoddija lill-Kunsilliera wara s-Seduta.

Il-Viċi Sindku kif kien miftihem minn qabel, kellu jitlaq (8.30pm)

## 2.7 Mozzjonijiet

### 2.7.1 Mozzjoni nru 01/2024 – Sigurta aħjar għar-residenti Luċjani

Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Liam Sciberras u sekondant il-Kunsilliera Connie Debattista (Annex 4a). Il-Kunsilliera qajmu l-punti tagħhom:

**Is-Sindku** qablet ma diversi punti, u għaddiet sabiex issir emendment fuq diversi punti, anke li tiżdied Educational campaign kemm għas-sewwieqa kif ukoll għal-pedestrians.

Il-Kunsilliera Kylie D'Amato qablet mal-mozzjoni u l-emendments li talbet is-Sindku. Għalhekk tapprova din il-mozzjoni bl-emendments

Il-Kunsilliera Connie Debattista qablet mal-mozzjoni u l-emendments li talbet is-Sindku. Għalhekk tapprova din il-mozzjoni bl-emendments

- *Green wardens/ Community Policing preżenti fil-ħinijiet tat-dhul u l-ħruġ tal-iskola bhall kull hdejn skola ohra, pero f dan il kaz mhux hdejn l entratura tal iskola imma hdejn il maisonettes li jinsabu fit triq Katerina Vitale;* - Is-Sindku nfurmat li dawn ġa ġew infurmati
- *Refreshing ta zebgha tal ispeed limiters li jrid jintuza f din it triq biex juri li ma tistax issuq b'velocita eccessiva;* - **Is-Sindku** nfurmat li ser ngħadduha mal-lista tax-xogħolijiet
- *Tabella hdejn l-area tal passagg i jaghti ghal Triq De Hosa, li jindika li jaqsmu studenti li gejjin minn triq Pepprin;* - **Is-Sindku** nfurmat li ser napplikaw għal sinjali ta' caution mhux li jistgħu jaqsmu, li juru li jista jkun hemm tfal jaqsmu u l-pedestrian crossing ġie maqbul sabiex issir skond kif ġie approvat fis-sena 2019.
- *no stopping road marking (stampa 2) fl area indikata hawn taht (stampa 1) biex il-pulizija/warden ikun jista jikkontrolla l-qsim tal-istudenti. Il-parking tar-residenti jibqghu kif inhuma;* - **Is-Sindku** infurmat li ser napplikaw għall-permessi neċessarji; subject to approval.
- *Miżuri għat-Tnaqqis tal-Veloċità: Installa speed bumps f'intervalli regolari.*
- *Oħloq zebra crossing kemm wara Kazin Partit Nazzjonalista (saħansitra tkun aċċessibbli għan-nies li ġejjin miż-żona tal-każin tal-Bocci biex jaqsmu biex imorru sal- ATM/neighbourhood 1) u/jew;* **- Is-Sindku infurmat** li din ġa applikajna għaliha wara talba tal-Viċi Sindku
- *Twaqqif ta' sinjali ċari u viżibbli li jindikaw il-limiti tal-veloċità u l-qsim tal-pedestrians.*
- *Poġġi sinjali ta' twissija ta'nies li jaqsmu*
- *Jigi installat dwal tat-toroq addizzjonali biex ittejjeb il-viżibilità bil-lejl.*
- *Jigi installat linji tal-immarkar illuminati (stampa 4) kif ġej-* **Is-Sindku** infurmat ser niċċekjaw mat-TM jekk jistgħux isiru; subject to approval.

Għalhekk l-emendments li talbet is-Sindku ser jiġu nklużi fil-mozzjoni li ppreżenta l-Kunsillier Liam Scibberas, issekondata mill-Kunsilliera Connie Debattista, bi qbil unanimu.

2.7.2 Mozzjoni nru 02 /2024 – Ħruġ u dħul minn Santa Luċija

Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Liam Sciberras u sekondant il-Kunsilliera Connie Debattista (Annex 4b).

Il-Kunsilliera qajmu l-punti tagħhom:

**Is-Sindku** rrimarkat li hemm hemm 4 ħruġ mhux 3, tħalliet Triq Garnaw barra. Wara l-emendments qed jiġu mitluba, is-Sindku taqbel ma din il-mozzjoni

**Il-Kunsilliera Kylie D'Amato** talbet li tiġi speċifikat fix ħin: f'ċerti ħinijiet tieħu anke 30 minuta; fejn il-**Kunsillier Liam Sciberras** speċifika li waqt il-ħinijiet tax-xogħol. Għalhekk tapprova din il-mozzjoni bl-emendments

**Il-Kunsilliera Connie Debattista** qablet mal-mozzjoni u l-emendments li ġew mitluba. Għalhekk tapprova din il-mozzjoni bl-emendments.

A. *Dan il-Kunsill jiddjaloga u jinnegozja mal-awtoritajiet governattivi kkonċernati sabiex dan il-pjan isir realta' b'sistema adegwata ta' traffic light li taghti ċans li filwaqt li jaqsmu n-nies, taghti cans sabiex vetturi ħerġin minn Santa Luċija jistgħu imorru lejn Raħal Ġdid/in-naħa t'isfel tal-pajjiż direttament; -* **Is-Sindku** fakkret li fil-laqgħa mal-Ministru Bonnett li fiha attendiet il-Kunsilliera Connie Debattista, li mhux nibdew naħdmu iżda nkomplu naħdmu fuqha.

B. *Tinħoloq ħrug addizzjonali minn Triq Dawret it-Torri (naħa tal-club tal-bocci) u taqsam Triq Ħal Luqa u tieħdok lejn ir-roundabout (Mintoff/Jimmy Farrugia) u hekk ittaffi l-problema kurrenti lir-residenti ta Santa Luċija qed jaffaċċjaw;* - **Il-Kunsilliera D'Amato u l-Kunsilliera Debattista** irrimarkat ukoll li jekk tixtieq tmur fin-naħa ta' isfel jew biex tmur Raħal Ġdid, iktar jaqbillek li toħroġ minn naħa tal-Jogging Track.

Għalhekk l-emendments li talbet is-Sindku u l-Kunsilliera preżenti ser jiġu nklużi f'din il-mozzjoni u li ser titkompla mal-mozzjoni li ġa ġiet ppreżentata mal-mozzjoni tad-19 ta' Lulju 2023 li ppreżenta l-Kunsillier Liam Scibberas. Din il-mozzjoni ġiet maqbula b'mod unanimu inkluż l-emendments.

### 2.7.3 Mozzjoni nru 03 /2024 – Benefiċċju tal-użu tal-Ostakoli tal-Ħoss/Sound Barriers

Mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera Connie Sciberras u sekondanta mill-Kunsillier Liam Sciberras (Annex 4c).

Is-Sindku infurmat li l-Kunsill kien ġa applika għalihom mat-TM u IM iżda ġiet rrifjutata. Ser terġgħa tiġi mgħoddija lill-TM u IM. Il-bqija taqbel ma din l-mozzjoni.

**Il-Kunsilliera D'Amato** staqsiet jekk hux bħala ħġieġ bħal tal-Kappara jew bħal Green Wall. **Il-Kunsilliera Debattista** infurmat li tippreferi li jkunu ecological iżda li jkunu sostennibli; li jitkompla mal-estetika tal-ġnien u li jgħin għas-saħħa mentali. Il-bqija taqbel ma din l-mozzjoni.

**Il-Kunsillier Sciberras** jaqbel ma din l-mozzjoni u li jkollhom irrigation system tajba, u ideali għall-elementi.

## 2.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

Is-Sindku ressqet l-skeda tal-pagamenti għall-approvazzjoni tal-Kunsilliera. Il-Kunsilliera D'Amato proponiet u ssekondata mill-Kunsillier Sciberras.

## 2.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa intemmet fid-9.00pm u ġiet aġġornata għall-nhar il-Erbgħa 21 tax-xahar ta' Awwissu 2024 fil-5.00pm.

Konfermati, illum l-Erbgħa, 21 ta' Awwissu 2024.

IFFIRMAT

______________________________

Charmaine St John
Sindku

IFFIRMAT

______________________________

Bernice Darmanin
Segretarju Eżekuttiv